# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 26 ta' Settembru 2023**

**Rikors Nru. 647/2022 GM**

1. **Joachim Camilleri (K.I. 235556M)**
2. **Carmela Farrugia (K.I. 508556M) f'isimha proprju u bħala prokurattrici tal-assenti minn Malta (3) Giovanna sive Jane Cuff detentrici tal-passaport Awstraljan numru L4218399**
4. **Angiolina Briffa K.I. 355855(M) f'isimha proprju u bħala prokurattriċi tal-assenti minn Malta (5) Joseph Andrew Briffa detentur tal-passaport Awstraljan numru M7430223**
6. **Carmen Abdilla (K.I. 547357M) f'isimha proprju u bħala prokurattrici tal-assenti minn Malta (7) Irene Camilleri detentriċi tal-passaport Malti numru 1072943**
8. **Christine Borg (K.I. 563857M)**
9. **Emmanuel Briffa (K.I 0055268M)**
10. **Emmanuel Camilleri (K.I. 127455M)**
11. **Anthony Camilleri (K.I. 165956M)**
12. **Margaret Vella (K.I. 481961M)**

13.**Salvina sive Sylvia Falzon K.I. 0405459(M)**

14.**Joseph Camilleri K.I. 0686362(M)**

15.**John Camilleri (K.I. 733657M) f'ismu proprju u bħala prokuratur tal-assenti minn Malta (16) Emanuel Camilleri detentur tal-passaport Malti numru 0925637 (17) Joseph Camilleri detentur tal-Passaport Malti numru 1160061 (18) Anthony sive Tony Camilleri detentur tal-liċenzja Awstraljana numru B63930**

19.**Mariano Camilleri (K.I. 290154M)**

20.**Mary Doris Tanti (K.I. 831039M)**

21.**Rocco Camilleri (K.I. 121041M)**

22.**Francis Aguis (K.I. 979350M)**

23.**Romina Farrugia (K.I. 498273M)**

24.**Mario Agius (K.I. 496375M)**

25.**Marica Borg (K.I. 292179M)**

26.**Fedele Zammit (K.I. 816651M)**

27.**Stefan Zammit (K.I. 065777M)**

28.**Josette Zammit (K.I. 020482M)**

**vs**

1. **Mary Zahra (K.I. 478063M)**
2. **Roque Zahra (K.I. 0238460M)**
3. **L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Joachim Camilleri et li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. Ir-rikorrenti huma lkoll flimkien il-kosidien tal-fond bl-indirizz 23, St Joseph, Triq Sant'Agatha, Żurrieq.

2. Dan il-fond kien ġie mibni fuq sit fabrikabbli li kienet ġiet akkwistata mill-predeċessur fit-titolu tar-rikorrenti u cioe' lil Manweli Camilleri permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Agius datat 11 ta' Novembru 1951 (kopja annessa **Dok J1**).

3. L-imsemmi Manweli Camilleri miet fis-7 ta' April 1959 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt anness **Dok J2).**

4. Skont kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti (kopja annessa **Dok J3A** u **Dok J3B)** l-imsemmi Manweli Camilleri miet intestat u għalhekk il-wirt tiegħu ddevolva fuq uliedu u cioe' fuq Mikael, Francesco, Caterina, John, u Giuseppa aħwa Camilleri skont il-liġi.

5. Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin datat 25 ta' Frar 1991 (kopja annessa **Dok J4**) l-imsemmija Francesco u Mikael aħwa Camilleri biegħu s-sehem tagħhom ta' 2/5 indiviż mill-proprjeta' a favur ir-rikorrent Joachim Camilleri.

6. Caterina Briffa nee' Camilleri mietet fis-7 ta' Novembru 2007 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt anness **Dok J5**) u skont kif irregolat hi bl-aħħar testment tagħha (kopja tar-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti annessi **Dok J6A** u **Dok J6B** rispettivament) fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datat 3 ta' Frar 2000 (kopja annessa **Dok J7**) hi nnominat lil uliedha Joseph Andrew, Angela Briffa, Carmela Farrugia, Kristina, Jane Cuff u Emanuel aħwa Briffa bħala l-eredi universali tagħha filwaqt li ħalliet lil żewġha Carmelo Briffa l-użufrutt ta' ħwejjiġha b'legat.

7. L-imsemmi Carmelo Briffa miet fid-29 ta' Frar 2012 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt anness **Dok J8**) u għalhekk l-użufrutt tiegħu intemm.

8. L-imsemmi John Camilleri miet fid-19 ta' Awwissu 2009 (ċertifikat tal-mewt anness **Dok J9**) u skont kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti (annessi **Dok J10A u Dok J10B** rispettivament) huwa rregola l-wirt tiegħu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat datat 22 ta Lulju 1972 (anness **Dok J11**).

9. Ai termini tat-testment Dok J11, l-imsemmi John Camilleri innomina lil uliedu r-rikorrenti Irene, Emanuel, Anthony, Carmen, Salvina, Margareth u Joseph aħwa Camilleri bħala l-eredi universali tiegħu soġġetta għall-użufrutt ta' martu Maria Dolores Camilleri li mietet qablu.

10. Giuseppa Camilleri mietet fis-6 ta' April 1995 (kopja taċ-ċertifikat tal-mewt anness **Dok J12)** u skont kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji tagħha pubbliċi u sigrieti (kopja annessa **Dok J13** u **Dok J14** rispettivament) hi rregolat il-wirt tagħha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Nicola Said datat 30 ta' Marzu 1973 (kopja annessa **Dok J15**).

11. Ai termini tat-testment Dok J15 l-imsemmija Giuseppa Camilleri nnominat lil uliedha Doris Tanti, Rocco, Emanuel, Giuseppe, Antonio, Rita Agius, Mario, John u Anna Zammit aħwa Camilleri bħala eredi universali tagħha filwaqt li nnominat lir-raġel tagħha, id-defunt Espedito Camilleri użufruttwarja ta' ħwejjiġha.

12. L-imsemmija Rita Agius nee' Camilleri (bint Espedito u Giuseppa konjuġi Camilleri) mietet fil-25 ta' Jannar 2016 (ċertifikat tal-mewt anness **Dok J16**) u skont kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji tagħha pubbliċi u sigrieti (kopja annessa **Dok J17A** u **Dok J17B** rispettivament) hi rregolat il-wirt tagħha permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datat 17 ta' Lulju 1997 (kopja annessa **Dok J18)** in vista ta' liema nnominat lil uliedha Romina Farrugia u Mario aħwa Agius bħala l-eredi universali tagħha soġġeta għall-użufrutt ta' żewġha Francis Agius.

13. Anna Zammit (bint id-defunti Espedito u Giuseppa Camilleri) mietet fl-10 ta' Ottubru 2005 (ċertifikat tal-mewt anness **Dok J19**) u skont kif irregolat bl-aħħar testment tagħha (riċerki testamentarji pubbliċi u sigrieti annessi **Dok J20A** u **Dok J20B**) fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino datat 8 ta' Jannar 1988 (estratt tal-imsemmi testment anness **Dok J21**) hi ddisponiet mill-wirt tagħha billi nnominat lil uliedha r-rikorrenti Stefan, Marika u Josette aħwa Zammit bħala l-eredi universali tagħha u lil żewġha Fedele Zammit bħala l-użufruttwarju ta' ħwejjiġha.

14. Ir-rikorrenti Carmela sive Carmen Farrugia ġiet awtorizzata tidher f'isem Giovanna sive Jane Cuff permezz ta' prokura annessa **Dok J22.**

15. Ir-rikorrenti Angiolina Briffa ġiet awtorizzata tidher f'isem Joseph Andrew Briffa permezz ta' prokura annessa **Dok J23.**

16. Ir-rikorrenti Carmen Abdilla ġiet awtorizzata tidher f'isem Irene Camilleri permezz ta' prokura annessa **Dok J24.**

17. Ir-rikorrent John Camilleri ġie awtorizzat jidher f'isem Emanuel Camilleri, Joseph Camilleri u Anthony Camilleri permezz ta' prokuri annessi **Dok J25, Dok J26** u **Dok J27.**

18. Dan il-fond kien oriġinarjament ġie mikri a favur missier l-intimati Zahra u cioe' Joseph Zahra. Sussegwentement din il-kirja intirtet mit-tfal tiegħu u cioe' l-initmati Zahra li għadhom jokkupaw il-fond de quo sal-ġurnata tal-lum versu kera ta' EUR 210 u/jew somma verjuri fis-sena u dan kif jidher mir-riċevuti tal-kera li għandhom fil-pussess tagħhom uħud mir-rikorrenti (annessi **Dok J28**).

19. Għalhekk dan il-fond huwa soġġett għall-kirja protetta taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap 69 u Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li din il-kirja ġiet fis-seħħ ferm qabel l-1 ta' Ġunju 1995.

20. In vista tal-fatt li l-kirja tal-fond in kwistjoni hi soġġetta għall-provvedimenti tal-Kap.69 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti ġew imġegħla jibqgħu jirċievu ammont ta' kera ferm baxx mingħajr ebda possibbilta' li jżiedu l-ammont tal-istess meta u kif jixtiequ huma, hekk kif il-kontroll ta' din il-kirja hu kompletament f'idejn l-Istat.

21. Għalhekk ir-rikorrenti (u l-predeċessuri fit-titolu tagħhom) ġew imġegħla kontra r-rieda tagħhom jibqgħu jġeddu l-kera versu l-istess rata skont il-provvedimenti tal-liġi għal għexieren ta' snin u dan mingħajr ebda prospett li xi darba din l-istess kirja tiġi terminata.

22. Kien biss fis-sena 2009, snin wara li nħolqot il-kera li l-Gvern irrikonoxxa l-preġudizzju serju li kienu qegħdin ibatu s-sidien privata bħar-rikorrenti u għalhekk fid-dawl ta' dan ir-rikonoxximent ġie fis-seħħ l-Att X tal-2009, permezz ta' liema ġew introdotti provvedimenti sabiex il-kera tiżdied.

23. Minkejja dawn l-emendi, ir-rikorrenti xorta waħda għadhom qegħdin ibatu l-preġudizzju serju hekk kif ma nżammx bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-allegat għan pubbliku intiż u d-drittijiet fundamentali tas-sidien għat-tgawdija tal-possedimenti tagħhom, liema drittijiet ma ġewx imħarsa u prottetta skont kif trid il-liġi hekk kif il-kera żdiedet biss b'mod miżeru u dan bi ħsara għar-rikorrrenti.

24. Oltre hekk ir-rikorrenti ma kellhomx għad-disposizzjonijiet tagħhom rimedju effettiv stante li qatt ma setgħu jżidu l-kera b'mod ekwu u ġust skont il-valur tas-suq hekk kif l-ammont ta' kera li huma setgħu effettivament jirċievu huwa dak kif kostrett bl-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Aktar minn hekk il-leġislatur naqas għal kollox milli jintroduċi xi tip ta' rimedju effettiv sabiex jindirizza bis-sħiħ il-preġudizzju li r-rikorrenti u predeċessur tagħhom soffrew (u għadhom qegħdin isoffru) minħabba din l-interferenza kontinwa fid-drittijiet għat-tgawdija libera ta' ħwejjiġhom fejn għalhekk ir-rikorrenti ma kellhomx għażla għajr li jirrikorru għal dawn il-proċeduri.

25. Ir-rikorrenti jagħmlu referenza għall-kawża **Amato Gauci vs Malta** numru 47045/06 deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009 u għal sensiela ta' kawżi oħra rilevanti nkluż il-kawża **Zammit and Attard Cassar vs Malta** (30 ta' Lulju 2015) li tittratta fattispecie simili għal dawk odjerni u fejn il-Qorti ta' Strasburg sabet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sid minkejja l-introduzzjoni tal-Att X tal-2009.

26. Jirriżulta b'mod ċar u manifest li d-disposizzjonijiet dwar it-tiġdid awtomatiku tal-kera u dwar il-kontroll tal-ammont tal-kera jikkostitwixxu interferenza fl-użu tal-proprjeta` tar-rikorrenti, u naqsu milli jżommu bilanċ ġust bejn l-allegat għan pubbliku ntiż u d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta` tagħhom. Il-fatt li bilanċ ċertament mhemmx f'dan il-każ jirriżulta mid-diskrepanza konsiderevoli li hemm bejn il-kera li qiegħda titħallas lir-rikorrenti u dik li s-sidien jistgħu jiksbu li kieku huma jikru l-fond fis-suq miftuħ li mhux regolat mill-protezzjoni li l-Kap 69 jagħti lill-inkwilini.

27. Ir-rikorrenti jinnotaw, kif ġie wkoll innotat f'diversi sentenzi fosthom f'dik fl-ismijiet **'Louis Apap Bologna vs L-Avukat Ġenerali'** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu 2019, li l-qagħda ekonomika tal-pajjiż m'għadhiex bħalma kienet meta daħal fis-seħħ l-Kap 69 u ċertament marret għall-aħjar. Illi għalhekk l-għan pubbliku li kien hemm oriġinarjament, xi ftit jew wisq sparixxa maż-żmien u dan kif anke ġie deċiż reċentement minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet "**Vincent Frendo noe vs Elizabeth Borg"** (rikors nru 48/2022GM).

28. Fir-rigward tal-kontroll fil-quantum ta' kera, il-provvedimenti tal-Artikolu 1531C ftit li xejn għamlu sabiex jindirizzaw il-piż sproporzjonat li kienu u għadhom qegħdin ibatu r-rikorrenti (u l-predeċessuri fit-titolu tagħhom qabilhom) hekk kif il-

kera baxxa kienet u baxxa baqgħet (u għadha) u dan anke in vista tal-fatt li ż-żidiet fil-kirja jiġu maħduma fuq il-kera preċedenti u cioe' fuq ammont li fih innifsu huwa baxx ferm.

29. Fil-każ Zammit and Attard Cassar vs Malta hawn fuq ċitat, l-ECtHR irrimarkat:-

*"While the applicants do not have an absolute right to obtain rent at market value, the Court observes that, despite the 2009 amendments, the amount of rent is significantly lower than the market value of the premises as submitted by the applicants, which was not effectively contested by the Government"*

Għalhekk huwa ċar li l-emendi introdotti permezz tal-Att X tal-2009 m'għamlu xejn fir-rigward biex jgħin is-sid privat u jibillanċja l-piż impost mill-provvedimenti tal-Kap 69 hekk kif iż-żieda miżerja ma għamlitx wisq sabiex il-kirja ma tibqax staġnata.

30. Agħar minn hekk, ir-rikorrenti ma jistgħux ma jinnutawx li minkejja l-allegat għan pubbliku tal-provvedimenti tal-liġi li jipproteġu din il-kirja u jitfgħu piż sproporzjonat u qawwi fuq ir-rikorrenti, il-Gvern tul dawn is-snin kollha ma kkontribwixxa bl-ebda mod sabiex itaffi jew iġorr dan it-toqol għall-allegat għan pubbliku.

31. Għalhekk jirriżulta b'mod ċar li r-rikorrenti qegħdin isoffru vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea kif ratifikata u tagħmel parti integrali mil-Liġijiet ta' Malta f'Kap 319 hekk kif huma qegħdin jiġu sforzati jibqgħu jikru l-fond tagħhom l-okkupanti Zahra versu kera baxxa ferm liema kera kienet kompletament ikkontrollata mill-Istat u liema kontroll baqa' persistenti sa żminijiet riċenti.

32. Ir-rikorrenti jagħmlu referenza wkoll għal kawżi riċenti deċiżi minn din l-Onorabbli Qorti nkluż dawk fl-ismijiet '**Austin Psaila et vs L-Avukat tal-Istat et'** deċiża fit-3 ta' Ġunju 2021 (87/2020 GM), '**Maria Concetta sive Connie Deguara Caruana Gatto vs L-Avukat tal-Istat et'** deċiża fid-29 ta' April 2021 (51/2020 GM) u **'Carmel sive Charles Sammut et vs l-Avukat Ġenerali et'** deċiża fid-29 ta' April 2021 (143/2019 FDP) fejn il-Qorti sabet li l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinit lill-inkwilini u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-sid privat kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

33. Minkejja li riċentement il-leġislatur introduċa l-Att XXIV tas-sena 2021, din il-liġi ftit li xejn taffiet il-preġudizzju li qegħdin ibatu r-rikorrenti hekk kif xorta waħda:

a. Illimitat iż-żieda fil-kera sa massimu ta' 2% biss tal-valur tal-fond

b. L-okkupanti Zahra baqgħu jiġu rikonoxxuti bħala inkwilini protetti għal żmien indefinit.

c. Il-leġislatur naqas għal kollox milli jintroduċi rimedju effettiv għas-snin ġja passati ta' kera miżera u interferenza fid-drittijiet tar-rikorrenti u dan kif anke ġie osservat minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Gauci vs Joseph Lanzon et**" (rikors numru 540/2021AD).

34. In vista tas-suespost, ir-rikorrenti għalhekk qegħdin jitolbu dawk ir-rimedji kollha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi, inkluż iżda mhux limitatament:

a. Dikjarazzjoni li l-provvedimenti tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-provvedimenti tal-Kap 16 inter alia l-Artikolu 1531C jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom surreferita.

b. Kumpens xieraq pekunjarju u mhux pekunjarju għas-snin kollha li r-rikorrenti batew u qegħdin ibatu l-interferenza fid-drittijiet tagħhom inkluż telf ta' kera li soffrew u qegħdin isofru r-rikorrenti.

35. Filwaqt li din il-kawża hi ta' natura kostituzzjonali u ta' ilment rigwardanti d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, l-intimati Zahra qegħdin ukoll jiġu konvenuti f'din il-kawża unikament għall-integrita' tal-ġudizzju u senjatament ai fini tal-aċċess tal-Perit Tekniku.

36. Għalhekk in vista ta' dak premess fil-paragrafu preċedenti l-ispejjeż tal-konvenuti Zahra għandhom jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut Avukat tal-Istat u/jew mill-konvenuti stess iżda ċertament mhux mir-rikorrenti.

37. In vista tas-suespost qiegħda ssir il-kawża odjerna.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-provvedimenti tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 inter alia l-artikoli 3, 4 u 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-provvedimenti tal-Kap 16 inter alia l-Artikolu 1531C jivvjolaw id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom bl-indirizz 23, St Joseph, Triq Sant'Agatha, Żurrieq kif sanċiti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (li tifforma parti integrali tal-liġijiet domestiċi fil-Kap. 319) u dan prevja u jekk hemm bżonn billi tappunta periti nominandi.

2. Tiffissa u tillikwida kumpens xieraq (sia pekunjarju u mhux pekunjarju) għas-snin kollha li r-rikorrenti batew u għadhom qegħdin ibatu vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom u dan prevja u jekk hemm bżonn billi tappunta perit nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati, bl-imgħaxijiet legali.

Rat ir-Risposta tal-Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. In vena preliminari, ir-rikorrenti jridu jġibu prova:
a. tat-titolu li għandhom fuq il-fond 923, St Joseph, Triq Sant'Agatha, Żurrieq; u
b. tal-allegat ftehim tal-kirja u prova konvinċenti li tali kirja tabilħaqq kienet regolata bil-**Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, l-esponent jikkontendi li ma kien hemm ebda ksur **tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll** tal-Konvenzjoni Ewropea *stante* li fil-każ odjern sar biss kontroll fl-użu tal-proprjetà in kwistjoni fil-parametri ta' dak permessibbli taħt dan id-dritt fundamentali;

3. Fi kwalunkwe każ, l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Skont l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, kwalunkwe miżura illi tikkontrolla l-użu tal-proprjetà, bħalma għandna f'dan il-każ, għandha tissodisfa tliet elementi, u ċioe il-legalità, l-interess pubbliku, u l-proporzjonalità. Ma hemm ebda dubju li l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali, u jgawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u x'miżuri għandhom jittieħdu sabiex jiġu ndirizzati dawk il-ħtiġijiet soċjali;

5. Il-liġijiet li qiegħdin jilmentaw minnhom ir-rikorrenti huma maħsuba sabiex jipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar ta' abitazzjoni tagħhom f'għeluq it-terminu konċess lilhom fil-kuntratt tal-kiri. Fl-istess waqt, tali Liġijiet jiżguraw illi s-sid tal-fond jirċievi kera adegwata, tenut kont tal-iskop soċjali tal-liġi in kwistjoni, u li jkun jista' jitlob awment fil-kera kull tant żmien, liema kera tkun ibbażata fuq il-valur tal-fond fis-suq miftuħ. B'hekk dawn l-artikoli żgur li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala mhux leġittimi jew mhux fl-interess ġenerali u l-esponent jara li dawn l-artikoli assolutament m'għandhomx jitqiesu li jmorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

6. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jikkontendi li jekk dina l-Onorabbli Qorti tqis li seħħ ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, dan il-ksur jista' jissustixxi biss **bejn it-30 ta' April, 1987 sal-1 ta' Ġunju 2021** u cioè mid-data stabbilita fl-artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV ta' 2021;

7. Bla ħsara għal dak ġia eċċeppit, mal-miġja tal-**artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, ir-rikorrenti ma jistgħux iżjed jilmentaw dwar il-fatt li l-kirja in kwestjoni ma tistax togħla b'mod proporzjonat. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, r-rikorrenti jistgħu jitolbu lill-Bord li Jirregola l-Kera, li l-kera tiġi miżjuda għall-ammont li ma jaqbiżx it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur ħieles tas-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha tiġi mressqa t-talba għaż-żieda fil-kera. Żieda fil-kera bir-rata qrib it-2% żżomm bilanċ tajjeb bejn l-interessi tas-sidien u tal-kerrej u dan partikolarment meta jkun hemm preżenti għanijiet leġittimi meħuda fl-interess pubbliku, bħalma huwa f'dan il-każ. F'każijiet bħal dawn

il-kumpens dovut lis-sid minħabba l-indħil fit-tgawdija ta' ħwejġu, jiġbed lejh ammont li jkun ferm inqas mill-valur sħiħ tas-suq. Illi b'żieda ma dan kollu, skont l-istess **artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, sidien bħar-rikorrenti jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-post u ma jġeddux il-kirja, jekk juru l-inkwilini ma ħaqqhomx protezzjoni mill-Istat;

Konsegwentement u kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti jidrilha li l-konvenuta qiegħda tokkupa l-fond in mertu bis-saħħa **Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-**Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta** huma nulli u mingħajr effett fil-konfront tal-kirja ta' bejn il-partijiet. Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti lanqas ma għandha tgħaddi biex tiddikjara li l-konvenuta ma tistax tistrieħ aktar fuq id-dispożizzjonijiet tal-**Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Rat ir-Risposta ta' Mary Zahra u Roque Zahra li permezz tagħha eċċepew illi :

1. *In primis u in materja*, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom fil-konfront ta' Mary u Roque, aħwa Zahra;

2. In vena preliminari wkoll, u bla preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-allegat vjolazzjoni tad-drittijiet umanitarji u fundamentali tar-rikorrenti qua sidien tal-propjeta' li l-esponenti preżentement jgħixu fiha, huma jiddikjaraw li huma m'għandux iwieġeb għal dan l-allegat ksur u *se mai* għandu jkun l-Istat li għandu jwieġeb għal dan l-allegat ksur, u dan peress li l-Liġi li qiegħda tiġi attakkata saret mill-Istat;

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu għall-fatt li t-talba tar-rikorrenti hija bbażata fuq allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea) (l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta), jiġi rilevat li ma hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu stante illi l-Liġijiet li jirregolaw il-kirja *de quo* ma jipprevedux id-deprivazzjoni totali tal-proprejta', iżda *se m*ai, jirrigwardaw il-kontroll jew limitazzjoni tal-uzu ta' proprjeta', u in oltre, l-kera in kwistjoni fuq 12, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi hija waħda protetta.

4. L-esponent qiegħda tgawdi d-drittijiet tagħha fuq il-proprjeta' *de quo* b'titolu ta' kera kif permessi skont il-Liġi u fl-ammont ta' kera kif stabbilita taħt il-Liġijiet tal-Kera u għalhekk m'hijiex qed tippreġudika d-drittijiet tar-rikorrenti. Oltre dan, reċentement ir-rikorrenti setgħu jagħmlu talba quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, sabiex il-kera li għandha tiġi mħallsa tiġi ikkalkulata wkoll a bażi ta' test tal-mezzi wara sentenza finali mill-Bord li Jirregola l-Kera dan sussegwentement għall-emendi fil-Liġi ta' Ġunju tas-sena 2021 permezz tal-Att XXIV b'mod partikolari l-Artikolu 4A (2) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda huma naqqsu s'issa li jagħmlu dan, iġifieri l-għodda leġislattiva li teżisti sabiex il-preġudizzju ilmentat, skonthom, jiġi mtaffi ma ntużax minnhom;

5. *In finis,* l-esponenti ma għandhomx jiġu preġudikati finanzjarjament billi huma ma kisru ebda Liġi, ma wettqux direttament l-ebda leżjoni ta' drittijiet tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri imma biss għamlu użu minn dritt legali mogħti lilhom permezz tal-Liġijiet tal-kera nostrana li fuq kollox għadhom fis-seħħ u applikabbli sal-preżent.

6. Illi jekk se mai r-rikorrenti jħossu li m'hemmx *"fair balance"* u *"proportionality"* bejn id-drittijiet tal-individwi involuti dan ma wettqitux ċertament l-konvenuti Zahra, imma se mai jaħti l-Istat in linea mal-ġurisprudenza nostrana u l-prinċipju fundamentali tal-Liġi li *qui sui utetur neminem laedere videtur;*

Rat li b'verbal tagħha tal-24 ta' Jannar 2023 ħatret lill-Perit Konrad Xuereb sabiex jistabilixxi l-valur kummerċjali u dak lokatizju tal-fond *de quo* mis-sena 1987 sal-lum u kull ħames snin.[1]

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku minnha maħtur ippreżentat fl-20 ta' Frar 2023[2] u r-risposti għad-domandi in eskussjoni.[3]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-każ.

## Fatti

Ir-rikorrenti huma kompropjetarji tal-fond numru 23, St Joseph, Triq Sant'Agatha, Zurrieq. Dan il-fond ġie mibni fuq sit li oriġinarjament ġie akkwistat minn Manweli Camilleri li jiġi n-nannu tal-maġġoranza tar-rikorrenti. L-imsemmi Manweli Camilleri ħalla warajh lil uliedu bħala werrieta u ċjoe' lil Mikael, Francesco, Caterina, John u Giuseppa aħwa Camilleri, u li meta ġew neqsin daħlu fiż-żarbuna tagħhom, uliedhom.

[1] Fol 101
[2] Fol 106
[3] Fol 176

Dan il-fond kien ġie mikri a favur ta' missier l-intimati Zahra u meta ġie nieqes, intirtet mit-tfal tiegħu u ċjoe' l-intimati Zahra li għadhom jokkupaw il-fond *de quo* sal-ġurnata tallum versu kera ta' €210 fis-sena.

**Titlu**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jgħid li t-titlu tar-rikorrenti ġie pruvat permezz tad-dokumenti u xhieda preżentati. Jgħodd ukoll il-perjodu rilevanti li matulu l-ante-kawża tar-rikorrenti kien proprjetarju tal-fond *de quo* u dan skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **Nutar Dottor Pierre Cassar v Avukat tal-Istat** tal-4 ta' Mejju 2022. Dan sa mhux qabel it-30 ta' April 1987 meta daħal fis-seħħ il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sas-27 ta' Mejju 2021 meta daħal fis-seħħ l-Att XXIV.2021. Kif sejjer jiġi spjegat iktar 'l isfel, dan l-Att ġab bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin.

Għalhekk il-kumpens intitolat li Joachim Camilleri huwa ta' 2/5 mis-sena 1991 u ċjoe' minn meta xtara s-sehem ta' missieru u ta' zijuh Mikael Camilleri sas-sena 2021.

Il-werrieta ta' Caterina Briffa nee' Camilleri u ċjoe' t-tfal tagħha r-rikorrenti aħwa Briffa - Joseph Andrew, Angela Briffa, Carmela Farrugia, Kristina, Jane Cuff u Emanuel Briffa huma intitolati għall-kumpens ta' 1/5 mis-sena 1987 sas-sena 2021.

Il-werrieta' ta' John Camilleri u ċjoe' t-tfal tiegħu, r-rikorrenti aħwa Camilleri – Irene, Emanuel, Anthony, Carmen, Salvina, Margareth u Joseph huma intitolati għal-kumpens ta' 1/5 mis-sena 1987 sas-sena 2021.

Il-werrieta ta' Giuseppa Camilleri u ċjoe' t-tfal tagħha r-rikorrenti aħwa Camilleri – Doris Tanti, Rocco, Emanuel, Giuseppe, Antonio, Rita Agius, Mario, John u Anna Zammit huma intitolati għal-kumpens ta' 1/5 mis-sena 1987 sas-sena 2021.

Illi Rita Agius li ġiet nieqsa fil-25 ta' Jannar 2016 u Anna Zammit li ġiet nieqsa fl-10 ta' Ottubru 2005, istitwew bħala werrieta universali tagħhom lil uliedhom u ċjoe' r-rikorrenti Romina Farrugia u Mario aħwa Agius u Stefan, Marika u Josette aħwa Zammit. Illi peress li l-imsemmijin defunti Agius u Zammit ħallew l-użufrutt tal-beni kollha tagħhom lil żwieghom, l-imsemmijin werrieta aħwa Agius u Zammit huma intitolati għal-kumpens sas-sena li ġiet nieqsa ommhom u ċjoe' sas-sena 2016 u sas-sena 2005 rispettivament. Wara dawn is-snin, il-kumpens huwa intitolat lil missierhom u ċjoe' Francis Agius u Fedele Zammit.

**It-tieni, parti mir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tal-intimati Zahra: Mhumiex il-leġittimi kuntradditturi, huma biss inkwilini b'kirja valida:**

Huwa kkonsolidat fil-ġurisprudenza li l-inkwilin huwa leġittimarju passiv validu fi proċeduri bħal dawn iżda ma jbatix spejjeż.

**Parti mt-tielet eċċezzjoni tal-intimati Zahra: m'hemmx ksur tal-Artikolu 37 għax m'hemmx deprivazzjoni totali tal-proprjeta', se mai ta' użu.**

Ir-rikorrenti mhux qed jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq dan l-Artikolu u għalhekk din il-parti tal-eċċezzjoni hija bla bażi.

**Żieda fil-kera u ripreża tal-fond**

L-intimat Avukat tal-Istat permezz tas-seba' eċċezzjoni tiegħu u l-intimati Zahra permezz ta' parti mir-raba' eċċezzjoni tagħhom, jissottomettu li r-rikorrenti kellhom rimedju disponibbli u dan taħt il-liġi ordinarja (Art. 1531Ċ tal-Kap 16 u Art. 4A tal-Kap 69) li jiffakoltizzaw li l-kera ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq tad-dar t'abitazzjoni. Kif fil-fatt ir-rikorrenti għamlu billi istitwew proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Tabilħaqq wara l-

promulgazzjoni tal-Att XXIV.2021 hemm rimedju alternattiv li joħloq bilanċ bejn l-inkwilin u sid-il kera, u fil-każijiet hemm imsemmija jista' jwassal saħansitra għat-tmiem tal-kirja iżda dan ma jistax jingħad għas-sitwazzjoni legali anteċedenti.

Ir-rata ta' kera ta' bħalissa hija ġeneralment meqjusa bir-rata ta' 3.5% tal-valur kummerċjali tal-proprjeta`. L-Att XXIV.2021 jagħti d-dritt sa massimu ta' 2%. Tenut kont tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu, li l-kera li s-sid huwa intitolat għalih huwa inqas minn dik kummerċjali minħabba l-kunsiderazzjoni soċjali tal-ħarsien tal-akkomodazzjoni residenzjali, din ir-rata hija waħda ġusta u għalhekk mid-data tal-promulgazzjoni ta' dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-liġijiet tal-kera *de quo agitur* m'għadhomx jiksru d-dritt fundamentali tat-tgawdija tal-proprjeta`.

Din l-eċċezzjoni għalhekk hija valida biss sad-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021.

**L-eċċezzjoni ta' ndħil permessibbli bħala miżura soċjali:**

L-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-liġi in kwistjoni hi valida għaliex hi ta' natura soċjali fl-interess tal-ġid komuni. Filwaqt li dan huwa minnu, il-liġi tibqa' soġġetta għall-prinċipju tal-proporzjonalita`. Il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu stabbiliet tlett indaġnijiet li jridu jsiru biex jiġi stabbilit jekk l-indħil tal-Istat huwiex permessibbli a tenur tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:

(1) il-miżura tkun saret taħt qafas legali.
(2) l-iskop tagħha kien leġittimu.

(3) iżżomm bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan soċjali u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

M'hemmx dubju li l-liġi *de quo* tissodisfa l-ewwel żewġ elementi. Mhux l-istess iżda jista' jingħad dwar it-tielet element.

**Bilanċ bejn tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku:**

L-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali."

Għalhekk il-Protokoll jawtorizza ndħil fit-tgawdija tal-proprjeta` fl-interess pubbliku. Iżda safejn jista' jasal dan l-indħil? Fejn jitqiegħed is-sinjal l-aħmar? Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Jeddijiet tal-Bniedem daħħlet il-kunċett ta' bilanċ bejn it-tgawdija tal-proprjeta` u l-interess pubbliku. Il-Qorti trid tistabbilixxi jekk is-sid kellux iġorr piż sproporzjonat u eċċessiv,[4] billi teżamina l-interessi kollha involuti; mhux biss il-kundizzjonijiet tal-kirja u l-entita` tal-indħil tal-Istat fil-liberta` tal-kuntratt u fir-relazzjonijiet kuntrattwali fis-suq tal-kirjiet, imma wkoll l-eżistenza ta' salvagwardji proċedurali li jassiguraw li l-operazzjoni tas-sistema u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet proprjetarji la tkun arbitrarja u l-anqas imprevedibbli. L-inċertezza, sew leġislattiva, sew amministrattiva jew minn prattiċi tal-awtoritajiet, hija fattur ewlieni li jittieħed in kunsiderazzjoni fil-ġudizzju dwar il-kondotta tal-Istat.[5]

---

[4] James & Others, Amato Gauci v. Malta.

[5] Immobiliare Saffi v Italy, GC no. 22774/93,§54, ECHR -1999-V, and Broniowski, §151; Attard & Zammit Cassar v Malta, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem 30.07.2015.

Kif inhu paċifikament stabbilit, il-proporzjon m'għandux ikun mal-valur tal-kirjiet fis-suq ħieles, imma mal-valur tagħhom tenut kont tal-interess soċjali. Ġaladarba l-obbligu tal-Istat huwa li jżomm bilanċ bejn l-interess privat ta' massimazzjoni tal-isfruttament tal-proprjeta` privata u l-ħtieġa tal-Istat li jipprovdi l-akkomodazzjoni soċjali, loġikament il-kumpens li tipprovdi Qorti f'Sede Kostituzzjonali m'għandux ikun allaċċjat mas-suq ħieles, imma jrid ikun ittemperat skont dan il-bilanċ.

Minn din il-qagħda, l-Qorti tikkonkludi li l-liġijiet viġenti imponew fuq l-atturi piż sproporzjonat u eċċessiv għal ħafna snin, u li l-Istat naqas milli jibbilanċja l-interess ġenerali mal-interess tagħhom.

**Likwidazzjoni tal-kumpens**

Skont stima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* huwa ta' €310,000. Il-valur lokatizju tal-fond mis-sena 1987 sa 2021 tela' minn €846 għal €7,180.

Fid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja, **Cauchi vs Malta** tal-25 ta' Marzu 2021 intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjeta` kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-Ewwel Qorti[6] fejn naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għal perjodu twil.[7]

[6] Fl-istess ismijiet deċiża fid-29.10.2020 PA - JZM
[7] Sammut Carmel sive Charles et v Dimech Maria Stella et – 26.05.2021 – QK

Bħala konsegwenza tal-fatt li l-Istat kiser id-drittijiet tal-atturi kif sanċiti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ta' Konvenzjoni Ewropeja, l-Istat għandu jħallas danni morali kif ukoll danni pekunjarji. Il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti kumpens pekunjarju li jammonta għal **sebgħa u ħamsin elf sitt mija u sittin ewro (€57,660)** li għandu jinqasam in kwantu għal **€24,000** lir-rikorrenti Joachim Camilleri; in kwantu għal **€12,000** lir-rikorrenti aħwa Briffa - Joseph Andrew, Angela Briffa, Carmela Farrugia, Kristina, Jane Cuff u Emanuel Briffa werrieta ta' Caterina Briffa nee' Camilleri li għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom; in kwantu għal **€12,000** lir-rikorrenti aħwa Camilleri – Irene, Emanuel, Anthony, Carmen, Salvina, Margareth u Joseph werrieta ta' John Camilleri; in kwantu għal **€7,000** lir-rikorrenti aħwa Camilleri – Doris Tanti, Rocco, Emanuel, Giuseppe, Antonio, Mario u John werrieta ta' Giuseppa Camilleri li għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom; in kwantu għal **€1,000** lir-rikorrenti Romina Farrugia u Mario aħwa Agius werrieta ta' Rita Agius, li għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom; in kwantu għal **€250** lir-rikorrenti Francis Agius, armel u użufruttwarju ta' Rita Agius; in kwantu għal **€750** lir-rikorenti Stefan, Marika u Josette aħwa Zammit, werrieta ta' Anna Zammit li għandhom jinqasmu ugwalment bejniethom; in kwantu għal **€660** lir-rikorrenti Fedele Zammit armel u użufruttwarju ta' Anna Zammit.

Dan l-ammont inħadem konformement mal-prinċipji suesposti kif ġej:

| MIS-SENA | SAS-SENA | VALUR LOKATIZZJU | | KERA MĦALLSA |
|---|---|---|---|---|
| 1987 | 1991 | (€846 x 5) | **€4,230** | (Lm34 €79.20 x 5) = **€396** |
| 1992 | 1996 | (€1,388 x 5) | **€6,940** | (Lm34 €79.20 x 5) = **€396** |
| 1997 | 2001 | (€2,478 x 5) | **€12,390** | (Lm34 €79.20 x 5) = **€396** |
| 2002 | 2006 | (€3,319 x 5) | **€16,595** | (Lm34 €79.20 x 5) = **€396** |
| 2007 | 2011 | (€5,234 x 5) | **€26,170** | (Lm34 €79.20 x 5) = **€396** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 2012 | 2016 | (€4,973 x 5) | **€24,865** | (€185 x 5) = | **€925** |
| 2017 | 2020 | (€7,180 x 5) | **€35,900** | (€210 x 5) = | **€1,050** |
| TOTAL | | | **€127,090** | | **€3,955** |

<u>Joachim Camilleri 1991-2021</u>

€123,706 - €3,638.20 = €120,067.80

€120,067.80 - 35% = €78,044.07

€78,044.07 - 20% = €62,435.26/5= €12,487.05x2 **=** €24,974.10 – **€24,000**

<u>Werrieta ta' Caterina Briffa nee' Camilleri 1987-2021</u>

€127,090 - €3,955 = €123,135

€123,135 - 35% = €80,037.75

€80,037.75 - 20% = €64,030.20/5=12,806.04 – **€12,000 li tinqasam ugwalment bejniethom**

<u>Werrieta' ta' John Camilleri 1987-2021</u>

€127,090 - €3,955 = €123,135

€123,135 - 35% = €80,037.75

€80,037.75 - 20% = €64,030.20/5=12,806.04 – **€12,000 li tinqasam ugwalment bejniethom**

<u>Werrieta ta' Giuseppa Camilleri (bl-eċċezzjoni ta' Romina Farrugia u Mario aħwa Agius u Stefan, Marika u Josette aħwa Zammit) 1987-2021</u>

€127,090 - €3,955 = €123,135

€123,135- 35% = €80,037.75

€80,037.75- 20% = €64,030.20/5=€12,806.04 /9 (disat aħwa) = €1,422.89 – **€1,000 kull wieħed.**

<u>Romina Farrugia u Mario aħwa Agius 1987-2015</u>

Kumpens ta' €1,422.89 fuq medda ta' 34 sena. Fuq medda ta' 28 sena l-kumpens huwa ta' €1,171.79 – **€1,000 li għandu jinqasam ugwalment bejniethom**

<u>Francis Agius 2016 -2021</u>

€1,422.89 - €1,171.79 = €251.10 - **€250**

<u>Stefan, Marika u Josette aħwa Zammit 1987 – 2005</u>

Kumpens ta' €1,422.89 fuq medda ta' 34 sena. Fuq medda ta' l-18 sena l-kumpens huwa ta' €753.29 – **€750 li għandu jinqasam ugwalment bejniethom**

<u>Fedele Zammit 2006-2021</u>

€1,422.89 - €753.29 = €669.60 - **€660**

Id-dannu morali ġej minn ksur tal-jedd ta' proprjetà huwa anqas gravi minn dak ġej minn ksur ta' jeddijiet marbuta mal-ħajja jew mal-personalità, u għalhekk il-Qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' **€500** li għandha tinqasam bejn ir-rikorrenti pro rata bejniethom.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn m'humiex kompatibbli ma' din is-sentenza.

(2) Tilqa’ l-ewwel talba limitatament għal ksur tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-perjodu bejn 1987 - 2021.

(3) Tilqa’ t-tieni talba billi tillikwida kumpens fis-somma ta’ €57,660 bħala danni pekunarji u €500 bħala danni mhux pekunarji li għandhom jinqasmu skont kif spjegat taħt il-Kap ‘**Likwidazzjoni ta’ Kumpens’.**

(4) Tilqa’ t-tielet talba billi tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas il-kumpens hekk likwidat, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż a kariġu tal-intimat Avukat tal-Istat.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA